**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**THE POLICE**
**(Inspector Elliot Magro)**

**Vs**

**Mario Spiteri**

**Kaz No: 182-29**

**Illum, 14 ta' Settembru 2021**
**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Mario Spiteri**, bin Nazzareno u Maria xebba Marmara, imwieled Zejtun nhat is-7 ta' Awwissu, 1956, residenti gewwa 3, St. Mary, Triq San Porfirju, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 555156M, akkuzat tali;

Nhar is-6 ta' April 2019 ghal habta ta' 10:30hrs u fil-hinijiet ta' qabel, fl-inhawi ta' Delimara L/ta' Marsaxlokk u f'dawn il-gzejjer waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, ha jew ipprova jiehu b'xi mezz, xi ghasfur u dan bi ksur tar-Regolament 18 (1)(c) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-

kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(a) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaccja jew pprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7(1)(i) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti ezebieti fl-atti processwali odjerni;

Semghet ix-xhieda;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi pprezentati mill-prosekuzzjoni jirrizulta li fid-data ndikata fic-citazzjoni l-*qua* imputat kellu licenzja generali ghall-insib, madanakollu fl-istess data ma kienx hemm stagun miftuh ghall-insib u f'dak l-istess perjodu l-awtoritajiet ma kienu hargu l-ebda deroga ghall-insib.

Illi mill-affidavit ipprezentat mill-ufficjal tal-pulizija jirrizulta li wara li rcevew rapport rigwardanti nsib illegali huma marru jaghmlu spezzjoni fl-inhawi ta' Delimara u wara xi tfittxijiet huma sabu mansab armat b'diversi ghasafar tal-ghana mdawrin mieghu. Fid-dura biswiet dan il-mansab gie identifikat persuna maskili bhala l-*qua* imputat. Wara li nghata d-drittijiet tieghu ta' suspettat fosthom id-dritt ghall-assistenza legali, il-qua imputat ddikjara mal-pulizija li dak il-mansab kien tieghu u li hu kien qed jonsob.

Illi l-imputat ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda. Fix-xhieda tieghu huwa spjega li dakinhar tal-ispezzjoni huwa kien qed jistad meta f'hin minnhom mar hdejn huh fl-ghalqa tal-familja taghhom. Huwa spjega li ma kienx hu li kien qed jonsob izda kien huh. Hu kien sempliciment mar hdejn huh li kien qed jonsob. Huwa spjega li f'dak il-perjodu huh kien marid serjament, x'hin ra l-pulizija huh kien ippanikja u ghaldaqstant f'dawk ic-cirkostanzi sfortunati ta' mard l-qua imputat iddecieda li jiehu r-responsabilita' tal-insib illegali mal-pulizija flok huh. Huwa jispjega li ormai huh sfortunatament miet u konsegwentament quddiem il-Qorti ghazel li jghid kif verament sehhu l-affarijiet.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Il-Qorti kunsidrat fit-tul dwar it-testimonjanza mghotija mill-imputat bil-ghan li tara jekk dina x-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew altrimenti.

- Fl-ewwel lok dina l-Qorti tosserva li mill-provi migjuba quddiemha jirrizultalha li l-qua imputat ghandu licenzja generali ghall-insib. Ghaldaqstant huwa nassab.
- Jirrizulta ukoll, anke mix-xhieda tal-imputat li l-mansab kien fl-ghalqa tal-familja tieghu li huwa kien ukoll juza.
- Is-sustanza tat-testimonjanza ta' PS130 Farrugia mghotija permezz ta' affidavit partikolarment b'referenza ghal dak li qallhom il-qua imputat kif

ukoll fir-rigward tal-ghasafar li nstabu u l-ircevuti rrillaxati hija kkonfermata minn dak li qal il-qua imputat. Fil-fatt fix-xhieda tieghu s-Sur Spiteri kkonferma li lil-pulizija qallhom dak id-diskors u li kien ammetta maghhom li kien qed jonsob;

- Fix-xhieda tieghu l-imputat jiddikjara li malli wasslu l-pulizija fuq il-post, huh kien hemm prezenti hemmhekk fuq il-post. Mandanakollu hawnhekk il-Qorti tosserva li dan il-fatt ma huwiex ikkolaborat mit-testimonjanza mghotija mill-ufficjal tal-pulizija permezz ta' affidavit. PS130 Farrugia kien kategoriku fl-affidavit tieghu fejn iddikjara li "*Fid-dura biswiet l-istess mansab kien hemm* <u>*persuna*</u> *maskili li kien qieghed responsabbli fuq gebla dak il-hin*". Dina d-dikjarazzjoni tirrelata biss dak li osserva l-ufficjal tal-pulizija fuq il-post u mhux x'qallhom il-qua imputat. Permezz ta' dina d-dikjarazzjoni jirrizulta kjarament li ghassa ma dan il-mansab kien hemm persuna <u>wahda</u> (li wara rrizulta li kien il-qua imputat) u mhux zewgt persuni – il-qua imputat u huh, hekk kif intqal fix-xhieda tal-imputat. L-affidavit tal-pulizija li ghamel l-ispezzjoni fl-ebda hin ma jaghmel referenza ghat-tieni persuna ghassa mal-mansab. Fil-fatt id-drittijiet legali jidher li nghataw lil *qua* imputat biss – "*Qabel ma gie mitkellem gie mghoti dritt sabiex jikkonsulta ma avukat tal-fiducja tieghu fejn dan irrinunzja id-dritt u iffirma dikjarazzjoni ta' dan*". Fl-ebda hin ma nghad li l-imsemmija drittijiet inghataw lil zewgt persuni li kienu vicin il-mansab u sussegwentament wiehed minnhom ha r-responsabilita tal-istes mansab kif wiehed kien jistenna li jsir kieku l-fatti sehhew hekk kif allegat mill-qua imputat.
- Il-Qorti tqis li l-ufficjal tal-pulizija ma kellu l-ebda raguni l-ghaliex ma jirraportax fl-affidavit tieghu l-prezenza tat-tieni persuna ghassa mal-mansab. Fil-fatt salv ghal dan id-dettal krucjali, l-imputat stess fix-xhieda tieghu ikkonferma dak kollu li rraporta PS130 fl-affidavit tieghu.

Konsegwentament, f'dawn ic-cirkostanzi kif ukoll fid-dawl ta' kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-qua imputat gew pjenament ippruvati mill-provi tal-prosekuzzjoni skond il-ligi.

**Decide**

Ghaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament ir-regolamenti 4(1)(a); 7(1)(i); u 18(1)(c) tal-Ligi Sussidjarja 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil qua imputat, Mario Spiteri, **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament tikkundanah ghall-multa ta' Eur. 900.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

In oltre, il-Qorti, ai termini tal-istess disposizzjoni tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 kif ukoll ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali qed tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur